

18.4.2024

A9-0152/ 001-004

EMENDI 001-004

mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapport

Juan Fernando López Aguilar

A9-0152/2024

Emenda tad-Direttiva 2014/62/UE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar

Proposta għal deċiżjoni (COM(2023)0582 – C9-0382/2023 – 2023/0355(COD))

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Proposta għal

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2014/62/UE fir-
rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar

li temenda d-Direttiva 2014/62/UE fir-
rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rappurtar

*(L-emenda tapplika għat-test kollu (bl-
eċċezzjoni tan-noti f'qiegħ il-paġna):
sostituzzjoni tal-kelma “Deċiżjoni” tul il-
proposta kollha tal-Kummissjoni bil-
kelma “Direttiva”).*

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Din id-Direttiva hija bbażata fuq

valutazzjoni bir-reqqa taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan l-istrument legali u limitata għal dan il-qasam ta' kriminalità. Hija mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġu żgurati livelli xierqa ta' obbligi ta' rappurtar fil-qasam tal-liġi kriminali tal-UE.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) *[“F’konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni” **JEW “F’konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta’ dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.”]**.*

Emenda

(6) *F’konformità mal-Artikolu 3 **u l-Artikolu 4a(1)** tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva.*

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) *Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/62/UE tiġi emendata skont dan,*

Emenda

(7) *Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/62/UE tiġi emendata skont dan. **Peress li l-emenda mmirata ta’ dik id-Direttiva tikkonċerna biss it-tħassir ta’ obbligu ta’ rappurtar, ma hemm l-ebda ħtieġa speċifika li l-Istati Membri jittrasponu l-emenda.***

